MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2007

Numru 662/2005

Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit)

Vs

Christopher Mallia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat detentur ta' karta ta' identita' numbru 205285(M), akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn il-11 u 12 ta' Gunju 2005, ghal habta ta' 02:30 ta' filghodu, gewwa Triq Mac Iver, Sliema, seraq minn gewwa vettura bin-numru DBG 147 ghad-dannu ta' Daniel Fleri Soler, liema serq huwa aggravat bil-hin, valur u xorta tal-haga misruqa u dan ai termini ta' l-artikoli 261c,f,g 267, 270 u 271g tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, fil-granet ta' qabel, xjentament xtara jew laqa ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom jaccedi l-mitt Lira Maltin, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun indahl biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Sar ricediv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

4. Ikkometa reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Magistrat Dr. S. Meli LL.D. moghtija fit-23 ta' Marzu 2005, u ukoll bi ksur tal-Probation a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'senenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 12 ta' Mejju 2005 u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament;

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni fl-lima ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jittrattew is-serq, ir-ricettezzjoni, r-recidivita' u l-ksur ta' ordni ta' probation.

L-ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u inkondizzjonata.

Wara li qieset li l-imputat temm b'success programm ta' rijabilitazzjoni u biex ma ttelifx lill-imputat fi triq it-tajba li qabad qeghdha fil-waqt li ssibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti hlief ghal dik tar-ricettezzjoni li hija in alternattiva ghas-serq u rat l-Artikoli 261(c) (f) (g), 267, 270, 271, 278, 279, 280, u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 22 tal-Kap 446

tiddecidi li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28B tal-Kap 9 tistendi t-terminu tas-sentenza sospiza indikata fl-akkuza ghall-sentejn ohra dekoribbli mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu taht din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------